# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.1

## Kap 8: Kulħadd għandu postu

## Lezzjoni 8.1: Ngħannulek għanja

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu li Ġesù hu r-Ragħaj it-Tajjeb tagħna.
2. Jitgħallmu kif bħala Ragħaj Ġesù jieħu ħsiebna.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Klipp: The Parable of the Lost Shepherd

  https://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw

  https://www.youtube.com/watch?v=tyWZeOlaRo4

  https://www.youtube.com/watch?v=9YZVp3GH-7o

- Klipp ta' Salm 23 https://www.youtube.com/watch?v=G2d13oL7P78

  https://www.youtube.com/watch?v=A-qLa_2GPcM

- Diska: Ragħaj ta' ruħi

  https://www.youtube.com/watch?v=jg28v4Fr09c

- Il-Karta ta' Taħriġ 8.1 – mill-Ktieb

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ikteb fuq l-IWB il-kelmiet: *Poeżija* u *Salmi*
- Staqsi lit-tfal x'jifhmu b'dawn il-kliem.
- Oħroġ li s-Salmi huma innijiet b'għamla ta' poeżija li nkitbu bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.
- Naraw il-clip: The Parable of the Lost Shepherd.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Mexxi diskussjoni dwar dak li tkun rajt mat-tfal:

    a) X'tgħidilna din l-istorja?

    b) X'fhimtu minn din l-istorja?

    c) Min hu r-ragħaj it-tajjeb tagħna?

    d) Min huma n-nagħaġ?

    e) X'inhu jirrapreżenta l-lupu? (il-ħażen/id-dnub)

    f) X'jagħmel Ġesù meta aħna nagħmlu d-dnub?

    g) Għaliex Ġesù jrid iġibna lura fil-merħla?- iħobbna – iridilna l-ġid -

2. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.1 u wara li taqra s-silta mogħtija, iddiskuti bħala klassi biex toħroġ ir-risposti t-tajba f'Attività 1.

3. Semma' u uri l-klipp ta' Salm 23 u wara spjega Attività 2.

4. Iddiskuti Attività 3 u uri l-importanza ta' dawn is-Salmi fil-ħajja tagħna.

5. Stieden lit-tfal jagħmlu t-talba tagħhom.

6. Spiċċa l-lezzjoni b'diska: *Shepherd of my soul* jew Ir-Ragħaj it-Tajjeb.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ir-Ragħaj it-Tajjeb qatt ma jħalli mqar nagħġa waħda mitlufa, iżda jagħmel minn kollox biex isibha.
2. Ġesù huwa r-Ragħaj it-Tajjeb tagħna għaliex huwa jieħu ħsiebna ħafna u jħobbna.
3. Is-salmi huma innijiet lil Alla forma ta' poeżija miktuba bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħmlu bħar-Ragħaj it-Tajjeb, iġifieri jagħmlu l-ġid lil ta' madwarhom, bħalma ħaddieħor jagħmel il-ġid magħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Klipp: The Parable of the Lost Shepherd
- Klipp ta' Salm 23 Diska: Ragħaj ta' ruħi
- Diska: Ragħaj ta' ruħi



## Nitolbu

Ġesù, iva, inti r-Ragħaj it-Tajjeb.  Kun int ir-ragħaj tiegħi għax meta tmexxini int, jien inkun fit-triq it-tajba żgur!

